**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs**

**Neville Mifsud**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 125/2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **<u>Neville Mifsud</u>**, iben Anthony Mifsud u Lydia Mifsud nee' Cachia, imwieled San Ġiljan nhar is-6 ta' Settembru 1980 u residenti San Ġwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 489480(M), billi huwa akkużat talli:

1. Nhar il-4 ta' Frar 2021 bejn il-01:00hrs u 02:00hrs ġewwa Triq Dun Karm Fenech, Għargħur, volontarjament ta n-nar fuq vettura bil-mutur tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni KCD689 u dan

għad-detriment ta' Francesco Spiteri mill-Għargħur u/jew ta' persuni oħra;

2. U talli aktar fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkommetta ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe' għamel ħsara volontarja fuq l-imsemmija vettura liema ħsara tiskorri l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għad-dannu ta' u/jew persuni oħra;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta'parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, nklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, hekk kif maħsub f'artikolu 533 *et sequitor* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' Francesco Spiteri u l-familjari tiegħu.

Rat illi, waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 346) datata 13 ta' Lulju 2021 li permezz taghha bagħat lill-imputat Neville Mifsud biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) L-artikolu 318 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) l-artikolu 325(1)(a) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) l-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) l-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat li f'dik l-istess seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat illi, waqt is-seduta tas-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), il-Qorti tat il-fakulta' lill-partijiet biex jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet, b'dana illi l-Prosekuzzjoni u l-Parte Ċivile ngħataw żmien sat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) filwaqt li d-Difiża ngħatat sal-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023);

Rat li l-Prosekuzzjoni ippreżentat s-sottomissjonijiet finali tagħha għall-każ fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2023;

Rat li illi d-difiża ippreżentat is-sottomissjonijiet tagħha fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April 2023.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

Semgħet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Rat il-verbal tas-seduta tas-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), fejn il-kawża ġiet differita illum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

- **Rijassunt tax-Xhieda**

F'dan il-proċess xehdu s-segwenti xhieda: **L-iSpettur Mario Xiberras** (fol. 28 *et seq*); il-Parte Ċivile **Francesco Spiteri** (fol. 48 *et seq*); **Stephen Cachia** (fol. 52 *et seq*); Il-Kuntistabbli **PC 1191 Jonathan Galea** (fol. 65 *et seq*); Il-Kuntistabbli **PC 1260 Ronald Mercieca** (fol. 77 *et seq*); Is-Surġent **PS 1301 Christian Bonello** (fol. 79 *et seq*); Id-Deputat Reġistratur tal-Qorti **Margaret Debattista** (fol. 92); **Marie Claire Tabone** (a folio 112 *et seq*); **L-Avukat Marisa Mifsud**, (fol. 121 *et seq*); Il-Kuntistabbli **WPC383 Deborah Mifsud**, (fol. 183 *et seq*); **Mark Micallef** (fol. 184); Is-Surġent **PS1166 Luca Grasso**, (fol. 205 *et seq*); **Charlene Mifsud**, (fol. 209); Il-Kuntistabbli **PC2156 Lara Garzia** (fol. 267 *et seq*); **L-iSpettur Jeffrey Scicluna**, (fol. 285 *et seq*); **L-iSpettur Roderick Spiteri**, (fol. 290); **Dr Daniel Vella**, (fol. 291); **l-Avukat**

**Dottor Martin Bajada** (fol. 306) u l-imputat **Neville Mifsud** (Fol. 363 et seq).

**<u>L-iSpettur Mario Xiberras</u>** (fol. 28 *et seq*) xehed li fl-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) għall-ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu (01:20 a.m.) seħħ *arson* ta' vettura bin-numru "KCD 689" ġewwa Triq Dun Karm Fenech, Għargħur. Il-pulizija tad-distrett marru fuq il-post fejn sabu din il-karozza taqbad. Stqarr li nfetħet inkjesta maġisterjali fejn il-Maġistrat inkwirenti kienet Dr Rachel Montebello, ħatret diversi esperti, fosthom Dr Martin Bajada, WPC 156 Lara Garzia, u Daniel Vella bħala l-*fire expert*.

L-iSpettur kompla jixhed li hu flimkien mal-iSpettur Jeffrey Scicluna bdew jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom u bdew jaraw xi *CCTVs* li hemm fil-viċinanzi, fejn mis-*CCTVs* li raw f'dak il-ħin, f'dak il-perjodu kemm qabel kif ukoll wara li sar l-ħruq, innutaw vettura tal-għamla Smart, kulur blu, fejn minn *CCTV* kienu raw l-aħħar ittra tar-reġistrazzjoni number l-"X" u raw l-aħħar numru li kien, sitta (6), u li din kienet tas-sena elfejn u tlieta (2003). Minn hemmhekk daħlu fis-sistema tagħhom, l-*NPS* fejn irriżultalhom illi Smart ta' dik is-sena, kien hemm waħda bin-numru ta' reġistrazzjoni XXX 006, u li kienet tgħajjat lil Charlene Mifsud. Mis-*CCTVs* ix-xhud ra wkoll persuna li t-tul tagħha kien ta' daqs mejdu, kważi tista' tgħid mal-karozza li nħarqet, ċioe' Mazda Demio, fejn wara investigazzjonijiet li għamel talab li jinħareġ mandat fil-konfront ta' Charlene Mifsud u tar-raġel tagħha Neville Mifsud. Dan peress li meta fit-23 ta' Frar tas-sena 2021 arrestaw li Charlene Mifsud, li ġie rilaxxata sitt

sigħat wara, qaltilhom li l-vettura jagħmlu użu minnha kemm hi u kif ukoll żewġha Neville. L-iSpettur xehed li qabel ma waslu għall-arrest tagħhom ġab informazzjoni fuq Neville Mifsud li rriżultalu li dan jaħdem ma' Meli Bakery ġewwa Ħal Għargħur, u li waqt l-*arson* tal-4 ta' Frar 2021, ma kienx xogħol, u wara li għamel il-verifiki rriżulta li meta kienu kellmu lill-mara kienet qaltilhom li dakinhar tal-4 ta' Frar 2021, ir-raġel tagħha kien xogħol. Illi l-istess xhud ikompli jistqarr li meta arrestaw lil Neville, għall-bidu ma riedx ikellem avukat tal-għażla tiegħu, fejn fil-fatt għamel dikjarazzjoni, fejn imbagħad wara sagħtejn wera x-xewqa li jkellem avukat. Fil-fatt l-imputat kien tkellem mal-avukat tal-fiduċja tiegħu u dan tal-aħħar mar anke ġewwa d-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali u ġie mgħoddi d-*disclosure* rigward is-*CCTV* u aktar informazzjoni ta' kif il-Pulizija waslu għall-imputat. Imbagħad l-għada u ċioe' fl-24 ta' Frar 2021, kienet itteħditlu l-istqarrija, fil-presenza tal-avukat, fejn ikkonferma li għamel użu mill-karozza Smart. L-iSpetter itenni li meta l-imputat ġie mistoqsi jekk kienx xogħol dakinhar, qalilhom li dakinhar ħassu ma jiflaħx, mar għall-ħabta ta' nofs il-lejl fejn il-forn iżda ma daħalx, fejn aktar tard, u mil-*localization* li għamlu mill-*mobile* tiegħu rriżultalhom illi f'nofs il-lejl u sittax –il minuta (00:16 a.m.) kien qiegħed fl-inħawi ta' Tas-Sliema. Jgħid ukoll li l-imputat qal li ma jaf xejn fuq l-*arson* u ċaħad kompletament l-involviment tiegħu. L-iSpettur jistqarr li fl-24 ta' Frar 2021, l-imputat ingħata l-*police bail* għall-5 ta' Marzu 2021, fejn reġgħet itteħditlu stqarrija oħra fil-presenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu, fejn filwaqt li l-imputat ġie nfurmat li mhux vera li dak inhar tal-4 ta' Frar 2021 kien mar il-forn, huwa għażel id-dritt tiegħu illi ma jweġibx għall-mistoqsijiet li għamillu.

L-iSpettur jgħid li lill-imputat kien saqsieh għal ċertifikat mediku peress li kien qal li kien ħassu ma jiflaħx, iżda l-imputat qal li m'għamilx ċertifikat mediku. Skont l-iSpettur, l-imputat inqabad jigdeb għax l-imputat kien qal li dakinhar tal-*arson* kien mar fejn il-forn, iżda meta x-xhud flimkien mal-kuntistabbli PC 1191 marru biex jiċċekkjaw is-*CCTVs* irriżulta li ma kienx mar b'din l-karozza Smart. Barra minn hekk appart il-*localiżation*, mill-informazzjoni li għandhom jidher li l-imputat mar jiltaqa' ma' ċertu wieħed Niki Pace. Imbagħad aktar tard, fil-5 ta' Marzu 2021, wara li ttieħdet l-istqarrija tal-imputat, dan tressaq b'arrest rigward dan il-ħruq, li kien seħħ fl-4 ta' Frar 2021.

Illi l-iSpettur ikkonferma li meta ra s-*CCTVs* innota li d-dawl ta' quddiem tal-vettura Smart huwa kemm kemm *light blue*, fejn din il-karozza meta raha personalment u ġiet iċċekkjata rriżulta li għandha dawl *light blue*, għandha rimijiet, u kif ukoll tlett fanali, bħalma dehru fis-*CCTVs* li eżaminaw minn diversi residenzi fil-viċinanzi ta' fejn seħħ il-ħruq.

L-iSpettur in kontro-eżami stqarr li fuq il-vettura b'mod forensiku ma sar xejn, pero' kien mar l-espert tal-Qorti ċertu Mark Micallef biex jiċċekkja kemm il-fanali ta' wara u l-fanali ta' quddiem. Dwar il-metodu ta' kif inħarqet il-vettura l-inkarigu kien f'idejn l-espert tal-Qorti Daniel Vella. Pero' l-iSpettur stqarr li mill-filmati li eżaminaw, deher persuna li ma kienx twil ħafna li xeħet xi likwidu fuq il-karozza, u min-naħa tal-lemin b'*lighter* qabbad il-vettura u telaq jiġri lejn in-naħa ta' isfel. Jikkonferma wkoll li saret perkwiżizzjoni mill-pulizija fil-proprjeta' tal-imputat u ttieħed papoċċ u xi ħwejjeġ u nnota li l-papoċċ kien jixbaħ lil ta' dik il-persuna li

marret taħraq il-karozza "KCD 689" b'*lighter*. Pero' aċċelleranti fir-residenza tal-imputat ma' nstabux.

<u>In kontro-eżami</u> fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-Ispettur Xiberras meta muri l-i*still* li jinsab a folio 332 tal-proċess u mistoqsi jekk fil-filmat tidhirx vettura oħra apparti l-karozza tal-għamla *Smart*, jistqarr li fl-i*still* tidher il-vettura *Smart* pero' jista' jkun li dehret vettura oħra fil-filmat. Jikkonferma li l-investigazzjoni saret fuq il-vettura tal-għamla *Smart* biss. Mistoqsi jekk ir-raġuni għaliex saret din l-investigazzjoni kienet għaliex skont il-pulizija kien hemm sitwazzjoni oħra fejn l-imputat kien qiegħed *leave* u kien hemm ħruq ieħor, ossija li kien seħħ fil-Furjana, jgħid li jiftakar li l-imputat kien issemma u jikkonferma wkoll li ma kinux ħadu passi fil-konfront tiegħu. Mistoqsi jekk l-imputat kienx spjegalhom mil-bidunett li fil-każ tal-Għargħur kien hemm *alibi*, u kien hemm sitwazzjoni fejn ried jispjega għalfejn kien f'dak il-post u ċioe' għaliex kien qed jistenna lil xi ħadd, l-iSpettur jgħid li ma jiftakarx li waqt l-interrogazzjoni qalilhom hekk. Mistoqsi jekk l-imputat kienx għaddielhom numru ta' *mobile* biex iċemplu lil xi ħadd biex ikun jaf ma min kien sejjer jiltaqa', ix-xhud jgħid li mill-*call logs* għall-ħabta ta' nofs il-lejl l-imputat kien iltaqa' ma' ċertu Nicky Pace ġewwa Triq Rudolfu, Tas-Sliema, iżda wara li tkellmu ma' din il-persuna ma kienx rriżultalhom li kellu xi involviment fuq dan il-ħruq. Mistoqsi kemm kien hemm ħin bejn meta l-imputat iltaqa' ma Nicky Pace u l-allegat ħruq, l-iSpettur jistqarr li kienu għall-ħabta ta' nofs il-lejl x'ħin l-imputat u Nicky Pace ltaqgħu, filwaqt li l-ħruq kien sar għall-ħabta ta' siegħa u kwart ta' filgħodu (01:15 a.m.) jew is-siegħa u għoxrin ta' filgħodu (01:20 a.m.).

Mistoqsi jekk l-imputat kienx semma xi persuna oħra, l-iSpettur ikkonferma li kien semma persuna ta' sess femminili minn San Ġwann u li bħala pulizija kienu tkellmu magħha iżda ma rriżultalhom xejn. Mistoqsi għalfejn din il-persuna femminili ma ttellgħetx tixhed, jgħid li dehrilhom li din ma kinitx fl-istorja tal-investigazzjoni tagħha, filwaqt li dwar Nicky Pace u għaliex ma ttellax jixhed jistqarr li mill-investigazzjoni li għamlu ma kellux x'jaqsam mal-ħruq tal-vettura. L-iSpettur jistqarr li Nicky Pace kien qalilhom li huwa biss ħabib tal-imputat u li jiltaqgħu, imorru jieħdu xi flixkun birra flimkien u daqshekk, u li kien għalhekk li ħass li ma kellhomx għalfejn itellgħuh bħala xhud. Itenni li ma kienx hemm investigazzjoni fuq vetturi oħra fil-viċinanzi għaliex ma dehrux waqt il-filmat, u jistqarr li ma kienx hemm persuni oħra li ġew investigati fil-viċinanzi, u dan kollu għaliex il-vettura tat-tip *Smart* għaddiet minn Triq l-Indipendenza, imbagħad għaddiet minn Triq Dun Karm Fenech, imbagħad għaddiet minn Triq Caravaggio, imbagħad reġgħet għaddiet minn Triq San Stiefnu għal Triq San Ġwann. Eventwalment reġa dar lura, reġa daħal minn Triq l-Indipendenza, imbagħad ġie bil-mixi, min-naħa tal-lemin, dar, ra n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura, baqa' miexi, reġa mar lura, xerred il-likwidu fuq il-karozza, imbagħad prova jqabbad u reġa' telaq jiġri bil-kontra ta' minn fejn ġie. Mistoqsi kemm kien għadda żmien meta marru għamlu tfittxja mill-allegat inċident jgħid li l-inċident kien ġara fl-erbgħa (4) ta' Frar filwaqt li t-tfittxija saret fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar, fejn meta marru kien sabu xi qalziet ta' *track suit* u xi papoċċ simili ta' dak il-persuna li deher iqabbad il-vettura.

**Il-Parte Ċivile Francesco Spiteri** (fol. 48 *et seq*) xehed li fl-4 ta' Frar 2021 waqt li kien rieqed, għall-ħabta ta' bejn is-siegħa (01:00 a.m.) u s-siegħa u għoxrin (01:20 a.m.) beda jdoqqlu l-mobile, u filwaqt li għall-bidu ma rrispondiehx, imbagħad irrispondih u f'ħin minnhom kif kien ser iwieġeb jisma' splużjoni fuq barra u ra fjamma nar. Jgħid li kif wieġeb il-mobile, il-ġirien qalulu li kellu l-karozza taqbad, u ħareġ barra u ra l-karozza ħuġġieġa. Jistqarr li x'ħin ċempel lil tat-tifi tan-nar u lill-pulizija dawn qalulu li diga kienu jafu biha għax kienu ċemplu l-ġirien. Kif wasal, madwar ħames jew għaxar minuti wara, beda jfittex fuq il-*cameras* tas-sigurta' li kellu fuq barra u sab li kien hemm persuna li qabbditlu l-karozza, għall-ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu, għaliex fis-siegħa u ħamsa u għoxrin minuta kien ħareġ u laħaq sabha ħuġġieġa.

Il-parte ċivile filwaqt li kkonferma li ra l-filmat, spjega li għall-ħabta tas-siegħa u sittax –il minuta ta' filgħodu (01:16 a.m.) ra bniedem għaddej, li kien liebes *hoodie*, *slipper*, qalziet ta' kulur skur u flokk kulur ċar, bil-maskra, li kien nieżel mit-triq ta' fejn joqgħod hu, u madwar għaxar minuti wara jerġa jitla', jaqbeż il-karozza, jiċċekkja n-numru ta' reġistrazzjoni, idur, jitfa' l-petrol minn wara għal quddiem, jitfa' l-affarjiet li kellu taħt il-karozza u prova jqabbad bil-*lighter* imma għall-bidu ma' setgħax iqabbadha u mbagħad qabbadha min fuq in-naħa tal-lemin u telaq jiġri n-naħa ta' isfel tar-raħal.

Ix-xhud jgħid li bħal tul din il-persuna li dehret fil-filmat kienet iqsar minnu żgur, pero' ma jafx min hi. Jikkonferma li l-vettura li nħarqitlu kienet tal-għamla Mazda Demio tas-sena elfejn u ħmistax jew elfejn u sittax

bin-numru ta' reġistrazzjoni KCD 689. Jistqarr li tal-assikurazzjoni infurmawh li l-valur tagħha kien disa' t'elef ewro (€9,000). Fil-karozza, l-parte civile kellu d-dokumenti tiegħu u ċioe' l-karta' tal-identita', liċenzja, *cards*, *log-book* tal-vettura, u l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), li kien għadu kif gibed mill-bank għall-finijiet ta' manteniment peress li filgħodu kien sejjer jagħtihom lill-ex mara tiegħu.

**<u>Stephen Cachia</u>** (fol. 52 *et seq*) in rappreżentanza tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, xehed fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2021, fejn ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni 'XXX 006' hija tal-għamla Smart Passion tal-kulur blu, u li din kien ilha reġistrata fuq Charlene Mifsud sa mis-27 ta'Ottubru 2016. Dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni 'KCD 689', din hija tal-għamla Mazda Demio ta' kulur griż u ilha reġistrata fuq Francesco Spiteri sa mis-17 ta' Diċembru 2020, pero' ġiet *scrapped* fis-17 ta' Frar 2021.

**<u>Il-Kuntistabbli PC 1191 Jonathan Galea</u>** (fol. 65 *et seq*) xehed li fl-4 ta' Frar 2021 sar ħruq ta' vettura tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni 'KCD 689', fejn infetħet inkjesta u ġie maħtur l-espert Dr Martin Bajada. Jgħid li l-iSpettur Mario Xiberras infurmah sabiex l-għada filgħodu jmur mal-espert tal-Qorti minħabba xi *downloads* ta' *cameras*, kif fil-fatt għamel. Ikkonferma li kif l-espert lesta, għaddielu kopja tal-filmati sabiex ikunu jistghu jibdew l-investigazzjoni min-naħa tagħhom.

L-istess kuntistabbli jistqarr li mill-filmati deher illi dak inhar tal-ħruq għall-ħabta tas-siegħa neqsin għaxra ta' filgħodu (00:50 a.m.) għaddiet

vettura tal-għamla Smart fejn ftit minuti wara reġgħet inqabdet minn camera mar-residenza oħra li tinsab ġewwa Triq Stiefnu Zerafa, fejn setgħa jiġi nnutat punti partikolari fil-karozza, fosthom li wara l-vettura kellha tlett (3) fanali li dan jidentifika ta' liema sena hija l-vettura, minħabba l-mudelli, u kif ukoll ġew innutati rimijiet li kienu mibdulin u ċioe' ma' kinux tal-fabbrika. Il-fanali jidhru mmarkati b'ċirku aħmar fuq żewġ ritratti fuq **Dokument 'JG1'**[1] filwaqt li r-rimmijiet jidhru mmarkati b'ċirku aħmar fuq żewġ ritratti fuq **Dokument 'JG1'**[2]. Minn *camera* li qegħda mwaħħla ma' bieb ta' garaxx ġewwa Triq Caravaggio, ġie nnutat li l-vettura Smart tkompli nieżla 'l isfel, lejn Triq Caravaggio, fejn reġgħet inqabdet minn residenza fl-istess triq. Jgħid li minn din il-*camera* ġie nnutat li l-vettura għandha d-dawl ta' quddiem tagħha bajdani ħafna kemm xejn fil-blue, li meta ġew iċċekkjati ma' vetturi oħra dawn juru li l-fanali ġew mibdulin peress li mill-fabbrika joħorġu b'fanali ta' dawl isfar fuq quddiem. Minn hemm il-vettura dehret iddur ma' *roundabout* ftit aktar 'l isfel, titla' 'l fuq, u reġgħet telgħet 'il fuq f'din it-triq Caravaggio. Din tiġi qribd it-triq fejn inħarqet il-vettura. Hemm hekk il-vettura dehret tnaqqas daqsxejn il-veloċita' u kompliet tiela' 'l fuq, fejn imbagħad reġgħet inqabdet mill-*camera* tal-garaxx fejn baqgħet ħierġa mill-Għargħur fejn reġgħet inqabdet mir-residenza fi Triq Stiefnu Zerafa u minn residenza oħra f'San Ġwann.

Ix-xhud ikompli jistqarr li għall-ħabta tas-siegħa u ħamsa ta' filgħodu (01:05 a.m.) il-vettura reġgħet daħlet ġewwa l-Għargħur fejn l-ewwel darba li daħlet kien fis-siegħa neqsin għaxra ta' filgħodu (00:50 a.m.). Skont il-

[1] numru 1 u 2 a folio 70
[2] numru 3 u 4 a folio 71

kunstistabbli meta ffukaw aktar fil-viċin dehret l-ittra 'X' u n-numru '6' fuq in-numru ta' reġistrazzjoni. Minn hemm saret tfittxija fis-sistema tal-pulizija ossija fin-*National Police System* li tagħti l-opportunita' li tfittex b'diversi kategoriji u għamlu l-aħħar ittra 'X' u l-aħħar numru '6' u kif ukoll li l-vettura hija tal-għamla Smart u telgħet li l-unika Smart li hija kompatibbli mal-fatturi kollha fosthom il-fanali, hija dik bin-numru ta' reġistrazzjoni "XXX 006". Wara li komplew jaraw il-filmat, għall-ħabta tas-siegħa u ħamsa ta' filgħodu (01:05 a.m.) il-vettura reġgħet daħlet ġewwa l-Għargħur fejn inqabdet minn *camera* fi Triq Stiefnu Zerafa li kienet ta' kwalita' tajba li kienet tinsab f'angoli tajbin, fejn reġgħu ġew innutati l-istess partikolaritajiet u ċioe' l-fanali ta' wara u r-rimijiet. Ix-xhud ikompli jgħid li din id-darba meta ġew biex jaraw il-*camera* li hemm imwaħħla mal-garaxx ma reġgħetx inqabdet ħierġa għal Triq Caravaggio. Minn dak il-ħin li nqabdet l-aħħar il-vettura għaddew biss ftit minuti, ma telgħet l-ebda vettura oħra iżda din id-darba deher persuna tiela' 'l fuq lejn Triq l-Indipendenza, liebes *hoodie*. Il-kuntistabbli jistqarr li sabu *camera* ukoll fi Triq l-Indipendenza mwaħħal ma residenza fejn minn hemm hekk dehret din il-persuna liebsa flokk, *hoodie* griża u f'idejha kellha qisha landa.

Jistqarr li sabu *camera* oħra fi Triq l-Indipendenza fejn dehret din il-persuna tinżel u wara ftit sekondi terġa titla'. Minn hemm din il-persuna tidher iddur għal ġewwa Triq Dun Karm, fejn sar il-*ħruq*, fejn hemmhekk mill-*camera* ta' residenza oħra nnutaw lil din il-persuna tgħaddi ma' ġenb il-vettura li ngħatat in-nar, tħares lejha u tibqa' sejra. X'ħin reġgħu raw il-*camera* ta' mar-residenza li tiġi bi dritt fejn sar il-ħruq, din il-persuna toħroġ, tidher iddur l-inħawi u terġa tirritorna għal Triq Dun Karm. Minn

hemmekk din il-persuna tidher tħares lejn il-vettura, tmur fuq wara tal-vettura fejn qisha tiċċekkja n-numru ta' reġistrazzjoni għax deher tħares l' isfel tal-vettura, fejn hemmhekk tifrex xi likwidu fuq il-vettura u tagħti n-nar lill-vettura. Minn din il-*camera* setgħu jagħrfu lill-persuna li ta n-nar lill-vettura minħabba *still* tajjeb, fejn deher persuna li huwa ta' statura mhux daqshekk twila peress li meta kien fuq il-bankina kien kemmxejn aktar 'il fuq mis-saqaf tal-vettura. Din il-persuna tidher tagħti n-nar lill-vettura, fejn wara reġgħu raw *camera* fi Triq l-Indipendenza fejn tidher l-istess persuna minħabba li kienet liebsa l-istess ħwejjeġ, li dehret taħrab tiġri lejn Triq Caravaggio, fejn mill-*camera* ta' mal-garaxx din il-persuna dehret iddur lejn il-parti ta' isfel ta' Triq Caravaggio, fejn ftit tal-minuti wara minn *camera* oħra dehret ħierġa l-istess vettura Smart li din id-darba ħarġet bid-dawl mitfi, fejn proċediet ftit metri 'l quddiem lejn din ir-residenza u jinxtgħel id-dawl. Ix-xhud stqarr li komplew jimxu mal-*cameras* fejn minn *camera* ta' residenza fi Triq San Ġwann, dehret il-vettura iżda pero' ma reġgħetx daħlet fir-raħal tal-Għargħur. Il-kuntistabbli stqarr li mill-investigazzjoni rriżulta li l-vettura hija reġistrata fuq Charlene Mifsud.

**<u>Il-Kuntistabbli PC 1260 Ronald Mercieca</u>** (fol. 77 *et seq*) stqarr li fl-4 ta' Frar 2021, kien stazzjonat fl-għassa tan-Naxxar, fejn għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30 a.m.) ċemplulhom mill-*control room* li kien hemm vettura taqbad fi Triq Dun Karm Fenech, il-Għargħur, u hu flimkien mal-kuntistabbli 765 immedjatament marru fuq il-post. X'ħin waslu fuq il-post sabu lil tal-Protezzjoni Ċivili qegħdin jikkontrollaw in-nar, u fi ftit minuti n-nar intefa'. Jgħid li mbagħad mar sid il-vettura, li urihom filmat fuq il-

mobile fejn xi ħadd kien jidher idur mal-karozza jifta' l-petrol u jagħtiha n-nar u jaħrab minn fuq il-post. Minn hemm infurmaw lis-surġent 1301 li kien ilaħħaq mill-għassa ta' Birkirkara u dan ġie fuq il-post u lix-xhud taħ ordni biex jibqa' *fixed point* mal-vettura sas-sitta ta' filgħodu (06:00 a.m.)

**<u>Is-Surġent PS 1301 Christian Bonello</u>** (fol. 79 *et seq*) stqarr li fl-4 ta' Frar 2021 għall-ħabta tas-siegħa u għoxrin (01:20 a.m.) ġie infurmat mill-għassa tan-Naxxar li kien hemm vettura tieħu n-nar ġewwa Triq Dun Karm Fenech, il-Għargħur. X'ħin mar fuq il-post sab lill-kollegi tiegħu PC 765 u PC 1260 mill-għassa tan-Naxxar li kienu qegħdin hemm mal-vettura li diga kienet mitfija flimkien ma' sid il-vettura. Jistqarr li l-vettura kien ipparkjata quddiem ir-residenza 21, Triq Dun Karm Fenech, Għargħur u s-sid tal-vettura kien ċertu Francesco Spiteri, li kellu xi *camera* nstallati mar-residenza tiegħu, fejn urihom li kien hemm persuna tas-sess maskili illi kien għadda, taha n-nar, u telaq mill-imsemmija triq. Ix-xhud jgħid li min-naħa tiegħu beda jsegwi lejn fejn mexa u nnota *cameras* tas-sigurta' fi Triq Mattia Preti u għamel *update* fuq l-okkorrenza 8S362/2021. Is-surġent jistqarr ukoll li kien għamel kuntatt mal-iSptar Mater Dei u mal-klinika tal-Mosta biex jara jekk kienx hemm xi ħadd li daħal b'xi feriti relatati mal-ħruq tan-nar, pero' irriżulta fin-negattiv. Ix-xhud informa lill-iSpettur u ħalla kuntistabbli *fixed piont* sakemm tiġi appuntata inkjesta.

**<u>Id-Deputat Reġistratur Margaret Debattista</u>** (fol. 92) esebiet *Process Verbal* bin-numru 220/2021 redatt mill-Maġistrat Dottor Rachel Montebello magħluq fis-17 ta' Marzu 2021 dwar ħruq ta' vettura ta' għamla Mazda

Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni KCD 689 għad-detriment ta' Francesco Spiteri ġewwa Triq Dun Karm Fenech, Għargħur nhar l-4 ta' Frar 2021.

**Marie Claire Tabone** (a folio 112 *et seq*) in rappreżentanza ta' Melita p.l.c., xehdet li n-numru tal-*mobile* 99828101 huwa reġistrat fuq l-imputat Neville Mifsud.

**L-Avukat Marisa Mifsud**, (fol. 121 *et seq*) ippreżentat traskrizzjoni tal-interrogazzjoni tal-imputat Neville Mifsud.

**Il-Kuntistabbli WPC383 Deborah Mifsud**, (fol. 183 *et seq*) ikkonfermat l-okkorrenza ossija r-rapport li daħlet hija personalment u li jinsab a folio 7 tal-proċess.

**Mark Micallef** (fol. 184) in rappreżentanza ta' Atlas Insurance xehed li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KCD 689 ta' lewn griz kienet tat-tip Mazda 2 tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u kienet ġiet impurtata mill-Ġappun. Din kienet assikurata ma' Atlas Insurance. Ikkonferma li bħala valur, il-vettura tiswa disa' t'elef ewro (€9,000) u ppreżenta kopja ta' *survey* li sar fuq l-istess vettura.

L-istess xhud Mark Micallef (fol. 217 *et seq*) reġa' xehed fis-seduta tat-30 ta' April 2021, fejn stqarr li huwa kien inkarigat biex jara *Smart* mudell 450 tas-sena elfejn (2000) bil-kulur blu, u bin-numru ta' reġistrazzjoni "XXX 006". Jgħid li mar jara l-vettura fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, u

vverifika li d-dawl tagħha ta' quddiem huwa tat-tip H7 u li dan kien mibdul, ċioe' biddlu l-bozoz għal *cool blue*. Dan huwa legali u skont ix-xhud ġeneralment dan id-dawl isir biex persuna jkollha viżibilita' aħjar. Jgħid li fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) reġa mar fit-tmienja ta' filgħaxija (20:00 p.m.)[3] sabiex fir-ritratt tidher aktar il-luminożita' tal-fanali, ossija biex jidhru aktar ċari l-fanali ta' quddiem, u rriżulta ukoll li l-fanali ta' wara dawk li jgħidulhom *tail lights*, bħala dawl in-naħa tax-xellug jidher aktar qawwi minn dak tal-lemin. Ix-xhud jgħid li bħala mudelli, fil-każ tal-mudell 450 li huwa aktar antik mill-mudell 451, il-fanal maqsum fi tlieta, filwaqt li l-mudell 451 huwa maqsum fi tnejn. In kontro-eżami kkonferma li l-fanali tat-tip H7 m'għandhom bżonn ta' l-ebda permess jew registrazzjoni biex jinbidlu.

**<u>Is-Surġent PS1166 Luca Grasso</u>**, (fol. 205 *et seq*) stqarr li fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) kellu mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat Neville Mifsud maħruġ mill-Maġistrat Astrid May Grima fejn mar hu u l-kollega tiegħu l-iSpettur Scicluna ġewwa r-residenza tal-imputat Neville Mifsud. L-imputat instab fir-residenza tiegħu u infurmawh li kien qiegħed taħt arrest fuq involviment ta' ħruq ta' vettura fejn imbagħad aktar tard ingħata d-drittijiet tiegħu u bdew bit-tfittxija ġewwa d-dar għal xi ħwejjeġ li setgħu ġew użati dak il-lejl li sar il-ħruq tal-vettura.

Is-Surġent ikkonferma li waqt li kienu fil-post elevaw xi ħwejjeg fosthom żewġ qliezet, wieħed ta' kulur griż skur u l-ieħor ta' kulur iswed u *slipper*

[3] a folio 249 *et seq*

tan-Nike li dawn setgħu ntużaw f'dak il-lejl. Ix-xhud ikkonferma li għaraf lill-imputat Neville Mifsud fl-awla. Apparti minn hekk is-surġent stqarr li kellhom mandat ta' arrest fil-konfront tal-mara tiegħu fejn dak il-ħin ma kinitx fuq il-post, pero' mbagħad b'telefonata min-naħa ta' ommha ġiet fuq il-post għax kienet xogħol, u nfurmawha li kienet taħt arrest ukoll u aktar tard ħaduha magħhom il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

**Charlene Mifsud**, (fol. 209) għażlet li ma tixhidx fil-konfront tal-imputat, li huwa r-raġel tagħha.

**Il-Kuntistabbli PC2156 Lara Garzia**, (fol. 267 *et seq*) ippreżentat rapport li ħadmet fuqu fil-kors tal-inkjesta rigward ħruq ta' vettura Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni KCD 689, u liema rapport ġie mmarkat bħala Dokument **"LG1"**. Tistqarr li ġie infurmata mill-iSpettur Roderick Spiteri u marret fuq il-post nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin u ħadet ħamsa u għoxrin (25) ritratt tal-vettura, tal-affarjiet li nstabu madwarha, u kif ukoll tal-ħsarat li kellha u l-affarjiet ta' maġenbha fosthom *fire extinguisher* u s-sigill.

**L-iSpettur Jeffrey Scicluna**, (fol. 285 *et seq*) xehed li fl-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) għall-ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu (01:20 a.m.) l-għassa tan-Naxxar kienu ġew infurmati li fi Triq Dun Karm Fenech, f'Ħal Għargħur kien hemm vettura taqbad. Jgħid li l-pulizija kienu aċċedew fuq il-post u l-iSpettur Roderick Spiteri kien fetaħ inkjesta u ħatar diversi espert. Dak inhar stess filgħodu bdew l-investigazzjonijet min-naħa tagħhom bħala *Arson Unit* fi ħdan it-Taqsima

ta' Reati Maġġuri. Jistqarr li kienu bdew bl-eżerċizzju ta *cameras* tas-sigurta' u nġabru bil-għajnuna tal-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajada, fejn wara li rawhom seta' jiġi nnutat li fil-ħinijiet ta' qabel il-ħruq, dehret Smart ta' kulur blu u kellha xi *trimming silver* li dehret dieħla, fejn eventwalment daret mar-*roundabout* viċin Triq Dun Karm Fenech, fejn kienet inħarqet il-vettura u reġgħet ħarġet minn ġewwa Ħal Għargħur. Ikompli jgħid li din il-vettura *Smart* ġiet innutata terġa tidħol ġewwa Ħal Għargħur fejn meta ġew eżaminati l-*cameras,* f'ħin minnhom waqfet fi Triq Caravaggio u ma dehritx ħierġa minn ġo din it-triq, pero' minflok ħarġet din il-vettura, għaddiet persuna bil-mixi fejn dan il-persuna baqa' jiġi ffollowjat permezz tal-*cameras* tas-sigurta' fejn fl-aħħar kien spiċċa bil-pass ġewwa Triq Dun Karm Fenech, fejn għadda minn mal-vettura KCD 689 tal-għamla Mazda Demio li kienet il-vettura li nħarqet f'dak il-lejl u li tappartjeni lil Francesco Spiteri. Jgħid li din il-persuna tidher għaddejja minn fejn din il-Mazda Demio, tidher tagħmel moviment b'rasha bħal li kieku qed tħares lejn il-pjanċa ta' wara ta' din il-vettura, qisha biex tikkonferma, kompliet miexja naqra aktar 'il fuq u reġgħet daret, resqet lejn din il-vettura, ferrxet likwidu fuq il-vettura u tatha n-nar. L-iSpettur ikompli jgħid li fil-filmati tal-*cameras* jidher li l-persuna sabet diffikulta' biex iqabbad in-nar minħabba li kellu *lighter* u qisha ma bdietx taqbadlu u prova diversi drabi sabiex iqabbad il-vettura sakemm fl-aħħar ħadet.

L-iSpettur jixhed ukoll li mill-analiżi tal-*cameras* tas-sigurta' dehret li din il-vettura *Smart* kellha parti mill-pjanċa ta' reġistrazzjoni u ċioe' l-ittra "X" u n-numru "6". Mir-riċerka li għamlu fuq is-sistema tagħhom irriżulta li kien hemm diversi vetturi tal-għamla Smart li fihom kemm "X" u kif ukoll "6"

pero' meta tagħmel analiżi ta' dawn il-vetturi kollha flimkien mal-għamla tal-mudelli u l-kuluri, irriżulta li kien hemm waħda biss tikkorrispondi mal-vettura li dehret fil-*cameras* tas-sigurta' u ċioe' bin-numru ta' reġistrazzjoni "XXX 006" li mir-riċerka rriżulta li kienet tappartjeni lil Charlene Mifsud. Jgħid li peress li l-persuna li dehret fil-filmat kienet tas-sess maskili għamlu ftit investigazzjoni u rriżulta li Charlene Mifsud kellha raġel jismu Neville Mifsud. Għalhekk kienu indagaw fuq in-numru tal-*mobile* tiegħu ċioe' 99828101 u talbu lis-*service providers* fejn irriżulta li dak inhar qabel il-ħruq tal-vettura għall-ħabta tal-kwarta ta' filgħodu (00:16 a.m.) dan kien għamel telefonata lil ċertu Nicky Pace, fejn mill-mod ta' kif kienu mqabbdin, it-tnejn immarkaw fi Triq Rudolfu, Sliema u t-telefonata ma damitx aktar minn seba' sekondi. L-iSpettur jistqarr li kien għalhekk li ġie suspett li l-imputat Neville Mifsud seta' kien kompliċi ma' Nicky Pace.

Illi kien għalhekk li ntalab il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-konjugi Mifsud u kif ukoll fil-konfront ta' Nicky Pace. Għaldaqstant fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tas-siegħa u kwart, flimkien mas-Surgent PS 1166 Luca Grasso, kienu marru ġewwa l-fond 71, Yonelle, Triq Sir Luigi Camilleri, San Ġwann li hija r-residenza tal-imputat, u eżegwew il-mandat, u kif kienu hemm ċemplu lil Charlene Mifsud peress li kienet xogħol, fejn waslet id-dar għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart u ġiet arrestata wkoll. Mill-fond ġew elevati xi oġġett li ttieħu għal aktar investigazzjoni. L-iSpettur jgħid li malli waslu l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għall-bidu l-imputat għażel li ma jikkonsultax ma' avukat tal-fiduċja tiegħu, pero' ftit wara għażel li jikkonsulta. Kemm Charlene Mifsud u kif ukoll Neville Mifsud qalu li l-

vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni jagħmlu użu minnha huma biss, u ħadd aktar. L-imputat qalilhom li jaħdem minn Ħadd sa Ħadd ġewwa forn f'Ħal Għargħur u li qatt ma kellu ġurnata *off*, għax inkella ma jlaħħqux il-kwota ta' ħobż li jkollhom isajru bil-lejl. L-iSpettur jgħid li wara li għamlu l-verifiki tagħhom irriżulta li fl-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) l-imputat ma kienx mar għax-xogħol u meta kkonfrontat b'din il-verżjoni kien qal li dakinhar kien mar għax-xogħol, ipparkja fejn il-forn ġewwa Ħal Għargħur u ħassu ma jiflaħx u baqa' ftit fil-vettura u wara li kompla jħossu ma jiflaħx telaq lura lejn id-dar. L-iSpettur jgħid li flimkien mal-iSpettur Xiberras ġabu l-filmati tal-*cameras* tas-sigurta' mill-forn ta' fejn jaħdem l-imputat, u li jagħtu fuq żewġ toroq, li hemm aċċess għal dan il-ħanut, fejn imkien ma dehret din il-vettura jew l-imputat fuq il-post. Kien għalhekk li l-imputat ingħata l-*police bail* għall-ħamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fejn ittieħditlu stqarrija oħra u eventwalment tressaq il-Qorti fejn wieġeb mhux ħati.

__L-iSpettur Roderick Spiteri__, (fol. 290) stqarr li fl-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin għaxra ta' filgħodu (01:50 a.m.) kien ġie nfurmat li kien hemm ħruq ġewwa Triq Dun Karm Fenech, Ħal Għargħur, fuq vettura tal-għamla Mazda Demio ta' kulur griż bin-numru ta' reġistrazzjoni "KCD 689" li kienet ta' Francesco Spiteri. Kien għalhekk li huwa informa lill-maġistrat tal-għassa li ħatret l-esperti.

__Dr Daniel Vella__, (fol. 291) xehed li huwa kien ġie maħtur bħala espert u wara li aċċeda fuq il-post wasal għall-konklużjoni li l-vettura tqabbdet

minn wara u minn quddiem, iżda min-nofs ma kinitx qabdet. Din hija ndikazzjoni ċara li l-vettura ma kinitx qabdet waħedha.

**<u>L-Avukat Martin Bajada</u>**, (fol. 306) stqarr li huwa kien ġie nominat fi stadju ta' inkjesta sabiex jagħmel *downloads* ta' diversi *CCTV*, joħroġ *stills*, u fil-fatt ġie mogħti wkoll ċellulari biex jagħmel *extraction*. L-istess xhud ippreżenta r-relazzjoni tiegħu dwar id-*downloads* li għamel mill-cameras f'Ħal Għargħur, flimkien mal-i*stills* li ħareġ u estrazzjoni tal-kontenut taċ-ċellulari;

**<u>L-Imputat</u>** (fol. 363 *et seq*) xehed li fil-ġurnata tal-inċident kien qiegħed il-Għargħur miftiehem ma' ċertu waħda Fiona Zammit, u dakinhar kien talab lill-imgħallem biex jieħu ġurnata *off*, u l-imgħallem irranġalu u kien sab bniedem ieħor jaħdem minfloku. Jistqarr peress li kien ser jaħdem bil-lejl, filgħodu kien ċempel lil din il-persuna biex jikkonferma jekk għal matul il-lejl hux kollox sew, biex jara jeħodhiex off jew le, u din qatlu li kollox sew u kienu miftehmin fis-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30 a.m.) b'dana li iċemplilha hekk kif jasal.

Jgħid li jibda xogħol f'nofs il-lejl (00:00 a.m.) u dak inhar tal-inċident ħareġ normali u kien sejjer għax-xogħol liebes l-uniformi u gibed lejn il-Għargħur, għax jaħdem il-Għargħur. Dan biex jekk jinqala' xi ħaġa u l-mara taqbdu bil-karozza jkun qiegħed il-Għargħur fejn jaħdem, u b'hekk ma tissuspettax ħażin fih. Jistqarr li tela' l-Għargħur, daħal minn fejn it-triq tal-McDonalds, għaliex dejjem jgħaddi minn hemm, dar mar-*roundabout*, baqa' sejjer dritt u pparkja fl-ewwel parking li sab, tefa' l-

vettura u baqa' jistenna l-ħin jgħaddi biex fis-siegħu u nofs imur jiltaqa' magħha. Kif saru s-siegħa u nofs startja l-vettura, u kif wasal qrib ċempel iżda l-*mobile* qisu lanqas daqq, bħallikieku xi ħadd għamel bħal *call barring* u ma reġgħax ċempel, għaliex induna li hemm xi ħaġa mhux f'postha. Jistqarr li huwa ma reġgħax ċempel għaliex ħaseb li ġara xi ħaġa, u baqa' nieżel lejn il-fabbriki ta' San Ġwann biex jgħaddi l-ħin, għax kien xogħol u jispiċċa fis-sitta' ta' filgħodu (06:00 a.m.). Ikompli jgħid li mbagħad għamel qisu siegħa u nofs jew sagħtejn, iddejjaq u mar id-dar. L-imputat jikkonferma li l-vettura li dehret fis-*CCTV* hija tiegħu. Jgħid li kien waħdu fil-vettura u ma ra lil ħadd u lanqas għadda minn xi pompa tal-petrol, iżda mid-dar baqa' sejjer dritt għal Għargħur, dar id-dawra biex isib parkeġġ u l-ewwel parkeġġ li sab waqaf u pparkja u baqa' fil-vettura jistenna l-ħin jgħaddi.

**<u>In kontro-eżami</u>** l-imputat jikkonferma li kien mar l-uffiċċju tal-iSpettur b'mandat. Mistoqsi min jagħmel użu mill-vettura li dakinhar tal-inċident dehret fil-filmat jgħid li dik hija reġistrata fuq isem il-mara tiegħu pero' jagħmel użu minnha hu, għalkemm ġieli wżata l-mara wkoll, imma aktar jużaha hu u jmur biha għax-xogħol. Jgħid li bil-lejl hu jużaha għax imur biha għax-xogħol. Mistoqsi għaliex fl-istqarrija kien qal li kien ipparkja fejn il-furnar, fejn is-soltu jmur għax-xogħol, jgħid li fil-bidu beda jibża jgħid il-verita' dwar dik it-terza persuna femminili, iżda mbagħad x'ħin tkellem mal-avukat ma beżgħax jitkellem. Jiġifieri skont l-imputat hu mill-ewwel kien ipparkjat fil-post li sab hemm barra, iżda ma qalx hekk mill-ewwel għax beda jibża u ma kienx jaf x'ser jiġri. Dwar il-fatt li fil-bidu kien qal li pparkja fejn il-garaxxijiet jgħid li qal hekk għax beda jibża li ser jispiċċa l-Qorti.

Jikkonferma li huwa ġie muri l-filmati kollha nkluż fejn tidher il-vettura taqbad u li kien hemm persuna li mar jiġri ħdejn l-istess vettura. Mistoqsi x'ra fil-filmati jgħid li nnota li kien hemm vettura tal-għamla Hyundai griża, u stqarr li huwa daħal hemm bil-vettura *Smart*, biex isib parkeġġ u għal xejn aktar, sab parkeġġ u pparkja u ma ċċaqlaqx minn hemm għall-ebda raġuni, u eventwalment startja biex mar fejn kien miftiehem. Meta muri ritratt a folio 331 u 332, l-imputat jikkonferma li l-vettura hija tal-għamla *Smart* u li kien hu li kien qed isuqha.

- **<u>Fatti tal-Każ</u>**

Fl-erbgħa (4) ta' Frar 2021 bejn il-01:00hrs u 02:00hrs ġewwa Triq Dun Karm Fenech, Għargħur vettura tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni KCD689 propjeta ta' Francesco Spiteri ingħatat in-nar. Il-Pulizija ġew infurmati bil-kaz u mill-investigazzjonijiet tagħhom partikolarment mill-filmati minn cameras tas-sigurta fil-vicinanzi li inġabru irrizulta li n-nar kien tqabbad minn persuna ta' sess maskili. Dan billi r-raġel tefa' fuel fuq il-vettura in kwistjoni u taha n-nar. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li għamlu l-Pulizija ġiet identifikat vettura tal-għamla Smart li dehret fil-vicinanzi bin-numru tar-reġistrazzjoni XXX-006 u li abbazi tagħha l-Pulizija waslu għall-imputat. L-imputat min-naħa tiegħu caħad l-involviment tiegħu f'dan il-kaz.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

Kif kellha l-opportunita tesprimi kemm -il darba din il-Qorti, l-piz tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hija l-Prosekuzzjoni li trid iggib l-ahjar prova – precizament prova lil hinn minn kull dubju dettat bir-raguni – sabiex l-istess Prosekuzzjoni issostni u tirnexxi fil-kaz taghha. L-imputat m'huwa tenut jipprova xejn.

Hafna drabi ma jkunx possibbli li jingabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'ghandux necessarjament iwassal ghal liberatorja tal-imputat. Il-Qorti xorta tista' tistrieh fuq provi li jkunu cirkustanzjali ghall-sejbien ta' htija basta li l-istess provi cirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konkluzjoni wahda.

Lord Hewart C.J. fil-kaz **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-provi cirkustanzjali bhala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[4] Hafna drabi l-provi cirkustanzjali jkunu l-ahjar prova li wiehed jista' jottjeni ghaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u cari tal-agir tieghu. Ghalhekk kif jghid l-istess Lord Hewart fil-kaz sucitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

Huwa *sina qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova cirkustanzjali trid tigi ezaminata u miflija bir-reqqa biex wiehed ikun

[4] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

jista' jistrieh fuqha ghal sejbien ta' htija. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza fil-5 ta' Lulju 2002

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita taghha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Huwa ghalhekk li Lord Normand fil-kaz **Teper v. R** jikkumenta b'rabta mal-prova cirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[5]

L-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka: cioe dik li tipponta

[5] [1952] A.C. 480, PC at 489

biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip ta' evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer***, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

*Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest talprosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita ta-lprovi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.*[6]

Fi kliem semplici għalhekk jekk f'każ partikolari l-evidenza li tiġi prodotta tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

[6] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali, il-Qorti issa sejra tidħol fid-dettal tal-imputazzjonijiet li qegħdin jiġu addebitati fil-konfront tal-imputat.

- **<u>L-Ewwel Imputazzjoni – Ħruq Doluz (Artikolu 318 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>**

L-ewwel artikolu li qed jiġi indikat fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali li abbazi tiegħu tista' tinstab ħtija fl-imputat huwa l-artikolu 318 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jistabilixxi:

> *"Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin.*

L-artikolu 318 jipprospetta xenarju ta' ħruq doluz li huwa ta' entita anqas severa minn ħruq doluz li l-leġislatur jitkellem fuqu fl-artikoli precedenti. Dan għaliex il-ħruq doloz kontemplat fl-artikolu 318 isir f'cirkustanzi fejn m'hemmx terzi persuni li possibilment jistgħu jitpoġġew f'perikolu minħabba l-incendju doluz. L-intenzjoni għalhekk tkun biss li wieħed jeqred bin-nar l-oġġett li lilu jagħti n-nar u ma jkunx hemm intenzjoni li tiġi kawzata ħsara lil terza persuna b'dak in-nar.

F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fil-11 ta' Jannar 2007 mill-Imhallef Joe Galea Debono fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Valentine Sciberras:***

*Illi l-appellant pero' jobbjetta ukoll li l-artikolu 316 (b) li fuqu tidher bazata l-ewwel imputazzjoni skond in-Nota ta' l-Avukat Generali (fol.210) u skond ma gie citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghandu bhala element essenzjali tieghu li s-soggett passiv tar-reat irid ikun persuna differenti w mhux l-akkuzat stess. In sostenn ta' dan iccita s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Superjuri) fil-kawza "**Ir-Repubbklika ta' Malta vs. Joseph Desira**" [13.5.1999]*

*Fit-trattazzjoni orali tieghu, l-abbli prosekutur Dr. Tonna Lowell, issottometta li f' kaz li ma tirrizultax htija taht l-artikolu 316(b) tista' tinstab htija taht l-artikolu 317 jew 318 li huma reati komprizi w involuti fir-reat kontemplat fl-art. 316 (b)*

*Ikkonsidrat;*

*Illi is-sentenza ta' Joseph Desira citata mill-appellant proprjament tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali u mhux tal-artikolu 316(b) in dizamina. B' dana kollu, fil-fehma ta' din ilQorti d-difiza ghandha ragun meta tissottometti li l-persuna li tkun gewwa l-lok jew bastiment li jinghata n-nar u cioe' s-suggett passiv tar-reat trid ikun differenti mill-persuna li attwalment tkun appikkat l-incendju w li konsegwentement ma jistax ikun applikabbli l-artikolu 316(b) invokat mill-Avukat Generali, ghaliex fuq il-lancja Lady Tess, meta gie appikkat in-nar,*

*ma rrizulta li kien hemm hadd iehor hlief lappellant innifsu li hu l-persuna li qabbad in-nar. Lanqas ma hu applikabbli, fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 317, ghax ma saret ebda prova li fil-bastimenti jew ingenji tal-bahar li kienu vicin il-Lady Tess u li spiccaw qabdu ukoll jew gew danneggjati bin-nar jew, addirittura fil-bini tal-faccata, qrib fejn anki spiccaw waslu xi oggetti jaqbdu w li ntfew mill-ewwel Pulizija li wasal fuq il-post, kien hemm xi nies fihom, anki jekk, f' kull probbabilta', x' aktarx li fil-bini faccata tat-triq kien hemm xi nies. Imma l-probabbli mhux bizzejjed biex tirrizulta l-htija, trid issir il-prova sal-grad tac-certezza morali.*

*Invece tidher li tirrizulta fil-konfront tal-appellant l-imputazzjoni taht l-artikolu 318, li, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda kompriza w involuta fir-reat imputat lill-appellant mill-Avukat Generali, ghaliex tikkontempla proprju l-istess att materjali kontemplat fl-artikolu 316 ossia "kull min jaghti volontarjament jaghti n-nar li bini, gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316" (ergo bastiment ukoll), pero' b'konsegwenzi inqas gravi ghax fil-lok ma jkun hemm hadd iehor u ma jkunx hemm il-perikolu li jaqbad lok iehor fejn ikun hemm xi persuna hemm gew. Fil-kaz ta' dar-reat, il-piena hija wahda inqas minn dik kontemplata fl-artikolu 316 u 317, u ghalhekk hu certament "reat izghar" li hu kompriz fl-ewwel imputazzjoni kif testwalment dedotta fittermini tal-art.467 (4).*

*Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-aggravju ta' natura legali sollevat mill-appellant huwa gustifikat izda ma jwassalx ghall-assoluzzjoni kompleta, imma biss biex tinstab htija ta' reat minuri kompriz u involut kontemplat fl-artikolu 318 minnflok dak addebitat lill-appellant taht l-artikolu 316 (b), kif ser jigi deciz f' din is-sentenza.*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-gurisprudenza barranija fejn trattat dan is-suggett:

*Lord Bingham of Cornhill qal: 'in any statutory definition of a crime, 'malice' must, as we have already seen, be taken – not in its vague common law sense as 'wickedness' in general, but – as requiring an actual intention to do the particular kind of harm that in fact was done . . For it is essential to arson that the incendiary either should have intended the building to take fire, or, at least, should have recognised the probability of its taking fire and have been reckless as to whether or not it did so.'*[7]

*'Again, if you think that the prisoner set fire to the frame of the picture with a knowledge that in all probability the house itself would thereby be set on fire, and that he was reckless and utterly indifferent whether the house caught fire or not, that is abundant evidence from which you may, if you think fit, draw the inference that he intended the probable consequences of his act, and if you draw that inference, then, inasmuch as the house was in fact set on fire through the medium of the picture frame, the prisoner's crime would be that of arson.'*[8]

*Lord Diplok explains that: 'I see no rational ground for excluding from conduct capable of giving rise to criminal liability, conduct which consists of failing to take measures that lie within one's power to counteract a danger that one has oneself created, if at the time of such conduct one's state of mind*

[7] ***REGINA V G AND R***: HL 16 OCT 2003
[8] ***REGINA V HARRIS***: 18 (1882) 15 COX CC 75

*is such as constitutes a necessary ingredient of the offence. I venture to think that the habit of lawyers to talk of actus reus, suggestive as it is of action rather than inaction, is responsible for any erroneous notion that failures to act cannot give rise to criminal liability in English Law.'*[9]

Id-difiza mhux tikkonstesta li seħħ il-ħruq u li tali ħruq tal-vettura kien wieħed doluz. L-unika ħaġa li qed tikkontesta d-difiza huwa li l-imputat Neville Mifsud kien wara tali att doluz. Din il-Qorti għalhekk trid tikkunsidra jekk abbazi tal-provi li ġew prodotti mill-Prosekuzzjoni tistax tinstab ħtija fl-imputat.

Il-Qorti ezaminat fid-dettal il-provi li ġew prodotti u tislet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) L-imputat u l-vettura tal-imputat kienu fl-akkwati ta' fejn seħħ il-ħruq. Dan huwa konfermat mill-filmati CCTV li juru l-karozza li tintuza mill-imputat qed tinstaq fl-inħawi. Ta' min jissenjala li inġabru numru ta' filmati minn diversi cameras fl-inħawi li għenu sabiex ġew identifikati l-moviment kollha tal-vettura Smart qabel ma' seħħ il-ħruq u anke wara. Mill-provi prodotti irrizulta kif din kienet vettura partikolari li saru fiha modifiki u li allura l-Pulizija setgħet facilment tidentifikaha. Infatti d-difiza eventwalment tasal biex tikkoncedi wkoll li l-imputat kien fil-Għarghur dakinhar li seħħ l-kaz odjern u li kien bil-vettura identifikata mill-Pulizija. Din il-

[9] ***REGINA V MILLER***: HL 17 MAR 1982

koncessjoni saret waqt li kien qed isir il-kontro-ezami tal-Ispettur Xiberras fl-istadju li d-difiza kienet qegħda itella' l-provi tagħha.

(b) Punt krucjali pero li tinjora d-difiza fis-sottomissjonijiet tagħha huwa li l-vettura tal-imputat tidher li damet iddur f'diversi toroq qabel ġiet parkeġġjata. Dan ġie konfermat wkoll mill-istess filmati li elevaw il-Pulizija u li sar kompendju tagħhom. PC 1191 Jonathan Galea spjega fid-dettal il-manuvri kollha li għamlet il-vettura tal-imputat u mil-liema toroq għaddiet. Dan sakemm imbagħad fl-aħħar daħlet fi Triq Caravaggio li tiġi qrib it-triq fejn seħħ il-ħruq. Dan kien ftit minuti qabel ma tqabbdet il-vettura tal-parte civile. Il-vettura tal-imputat ma reġgħetx dehret ħierġa minn Triq Caravaggio qabel ma sar il-ħruq. PCI 1191 jispjega wkoll fid-deposizzjoni tiegħu kif __**f'dak il-ħin m'għaddewx vetturi oħra**__ u imbagħad deher ir-raġel bil-hoodie għaddej b'landa f'idu.[10]

(c) Il-mobile tal-imputat ġie konfermat wkoll li kien qiegħed fl-akkwati tal-Għarghur għax inqabad minn mobile antennae fil-vicinanzi;

(d) Fid-dar tar-residenza tal-imputat fl-okkazzjoni meta saret it-tfittxija mill-Pulizija instabu ħwejjeġ li kienu identici għal dawk li dehru fil-filmati tac-CCTV;

(e) L-istatura ta' Neville Mifsud kienet identika għall-persuna li tidher fil-filmati tac-CCTV;

---

[10] Ara xhieda fol. 67 u 68;

(f) Kien hemm ħafna diverġenzi fil-verzjonijiet li ta l-imputat fl-ewwel stqarrijiet tiegħu u sussegwentement quddiem din il-Qorti. Saħansitra ġew riskontrati diverġenzi fil-kuntest tal-istess stqarrijiet. L-imputat ikkonferma li huwa jaħdem ma' furnar il-Għarghur, Inizjalment huwa jgħid li fl-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) x'ħin telaq mid-dar biex imur għax-xogħol ma bediex iħossu f'siktu. Huwa ipparkja l-karozza u baqa' ftit ġo fiha, kompla jħossu mhux sew u rritorna lura lejn id-dar. Jikkonferma li huwa jibda xogħol f'nofs il-lejl u li l-karozza kien ipparkjaha fejn il-forn, kif jagħmel kważi dejjem, ħlief xi ftit drabi fejn jipparkja faċċata jew hemm qisu toqba ġo ħajt. Mill-verifiki li pero għamlu l-Pulizija ma rrizultax li dakinhar il-vettura tal-imputat ġiet parkeġġjata f'dak il-post.[11] L-imputat kompla jgħid fit-tieni stqarrija tiegħu li l-imgħallem ma kellux għalfejn jinfurmah li huwa ma kienx sejjer għax-xogħol għax kien ma jiflaħx. Dan meta fl-istess nifs jgħid li meta jkun sejjer jieħu l-leave irid isib lil xi ħadd biex jibdlu. Il-Qorti assolutament ma tara l-ebda sens f'dawn id-dikjarazzjonijiet, aktar u aktar meta dan jidher li huwa l-impjieg principali li għandu l-imputat;

(g) Aktar tard fil-kuntest tat-tieni stqarrija, l-imputat bħal donnu jirrealizza li dak li kien qed jgħid assolutament ma kienx jagħmel sens. Dan għaliex huwa imbagħad jiddikjara li dakinhar huwa ma kienx sejjer għax-xogħol għax kien leave u kien irranġa biex xi ħadd

[11] Ara xhieda tal-Ispettur Jeffrey Scicluna, fol. 288 tal-process.

jidħol xogħol minfloku. Sussegwentement pero jgħid li huwa iddecieda li jmur xogħol xorta minkejja li kien talabha leave u mat-triq ħassu ma jiflaħx. Wasal fejn il-post tax-xogħol, kompla jħossu ma jiflaħx u iddecieda li jmur id-dar. Ma kienx informa lill-imgħallem għax-xorta kien hemm xi ħadd biex jibdlu. Għal darba l-Qorti lanqas tara sens f'dan kollu: jekk l-imputat orġinarjament jgħid li ħadha leave u imbagħad kien dieħel għax-xogħol biex ma jitlifx ġurnata leave, kif imbagħad ma kellimx lill-imgħallem tiegħu biex jgħidlu li kien ma jiflaħx biex minflok jitlef ġurnata leave titnaqqaslu mis-sick leave tiegħu. Dan apparti l-fatt li kif ġia ingħad mill-verifiki li għamlu l-Pulizija l-vettura tal-imputat fl-ebda ħin ma dehret qrib il-forn dakinhar li seħħ il-kaz;

(h) Fid-deposizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti, l-imputat imbagħad jagħti storja kompletament differenti ta' dak li seħħ fl-erbgħa (4) ta' Frar 2021. Jgħid li dakinhar huwa kellu jiltaqa' ma' certa Fiona Zammit. Jidher li l-imputat kien qiegħed f'relazzjoni extra maritali ma' din Zammit, tant li jistqarr li huwa ftiehem li jiltaqa' magħha fil-Għargħur u mar liebes bħal li kieku kien sejjer għax-xogħol biex ma jqajjimx suspetti f'martu. Jgħid li huwa ma kienx ta dawn id-dettalji fil-bidu għaliex kien beza' li jinqabad li huwa kellu din ir-relazzjoni. Kien biss wara li tkellem mal-Avukat tiegħu li huwa iddecieda li jgħid dan kollu;

(i) Il-Pulizija tkellmu wkoll ma' Fiona Zammit fejn din caħdet dan kollu. Dan il-fatt ħareġ waqt id-deposizzjoni tal-Ispettur Xiberras in kontro-

ezami qabel mal-imputat ħa l-pedana tax-xhieda. Minkejja li l-imputat kien konxju b'dak li qal l-Ispettur Xiberras u minkejja li huwa insista fid-deposizzjoni tiegħu li kellu jiltaqa' ma' din Fiona Zammit, l-istess imputat baqa' ma tellax lil Fiona Zammit biex tikkorabbora dak li qal hu. La darba l-imputat kien qed jinsisti b'din il-verzjoni tiegħu li huwa kellu jiltaqa' ma' Fiona Zammit u dan kuntrarjament għal dak li kien iddikjara qabel, kien jimpinġi fuqu li huwa jġib tali prova. La darba tali prova ma inġabitx biex fl-aħħar mill-aħħar tissostanzja dak li kien qed jgħid l-imputat u ħadd aktar, din il-Qorti ma tistax tasal biex tattribwixxi kredibbilita li dak li qal l-imputat;

(j) L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni u lanqas irrefera għall-fatt li l-mobile tiegħu xi siegħa qabel seħħ il-kaz immarka li kien qiegħed tas-Sliema. Dan meta skont id-deposizzjoni tiegħu dak il-ħin huwa ġia kien qiegħed il-Għarghur u kien qed jistenna l-ħin jgħaddi biex jiltaqa' ma' Zammit!!

Din il-Qorti tqis li l-provi cirkustanzjali prodotti mill-Prosekuzzjoni huma tali li kollha jindikaw b'mod univoku li kien l-imputat li ta n-nar lill-vettura tal-parte civile. Id-dikjarazzjonijiet tal-imputat, il-bdil fid-dikjarazzjonijiet tiegħu u n-nuqqas ta' kredibbilita tiegħu aktar jkomplu jsaħħu l-konvinciment tal-Qorti li hu u ħadd aktar wettaq dan l-att. Il-Qorti għalhekk tqis li l-ewwel imputazzjoni ġiet sodisfacentement pruvata u għalhekk sejra tinstab ħtija fl-imputat għal din l-imputazzjoni.

- **<u>It-Tieni Imputazzjoni– Ħsara Volontarja (Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>**

L-**Artikolu 325 (1) (a)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jispecifika:

*Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), il-piena ta' priġunerija minntmintax-il xahar sa erba snin;*

La darba fil-kaz odjern huwa car li l-ħsara li soffra l-parte civile kienet rizultat ta' incendju, il-fattispecie ta' dan il-kaz ma jistgħux jaqgħu taħt ir-reat kontemplat f'dan l-artikolu. Dan għaliex dan l-artikolu fih kwalifika cara: "***<u>Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu</u>***." Dan necessarjament ifisser li jekk l-att jaqa' taħt artikolu ieħor (f'dan il-kaz l-artikolu 318), dak l-artikolu għandu japplika ad eskluzjoni tal-artikolu 325. Issir riferenza f'dan is-sens għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs. Mark Mizzi***"[12] [deċiża fil-11 ta' Mejju 2006] fejn il-Qorti ikkummentat hekk:

*"Illi l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-actus reus ma jistax ikun dak ta'*

[12] Liema decizjoni kienet abbracjata mill-Imhallef Joe Galea Debono fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs Valentine Sciberras*** deciza fil-11 ta' Jannar 2007 – Appell Nru. 244/06

*tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b' artikoli ohra tal-ligi , senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan issub-titolu.*

*"Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb talKodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta' hsara bi spluzzjoni doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel sustanza esplussiva (art. 313); dak ta' min dolozament jikkonsenja jqieghed, jispara jew jisplodi xi mezz letali u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq ilpersuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew toxins jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn, jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred materjal nukleari li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor, ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti n-nar jew b' xi mod iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315) ; dak ta' min jaghti n-nar lil dar , mahzen hanut , dar t' abitazzjoni , bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq (art. 316); dak ta' min volontarjament jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc. (art. 317); dak ta' min jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini,*

*gharix jew lok iehor ikun qieghed b' mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa (art. 318) dak ta' min jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott iehor simili, ecc. (art. 319); dak ta' espluzzjoni ta' mina (art. 320); dawk ta' wiri ta' dwal foloz b' perikolu ghan-navigazzjoni u qtugh ta' ktajjen (art. 321, 322 u 323).*

*"Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment:-*

*"(1) Kull min, **B' MEZZI XORT' OHRA MINN DAWK IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI TA' QABEL TA' DAN IS-SUBTITOLU**, volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli , jehel meta jinsab hati…." (sottolinear ta' din il-Qorti.)*

*"Illi l-appellat qed jissottometti – kif ghamel anki quddiem l-Ewwel Qorti b' success – li d-dicitura ta' dan l-artikolu ma thalli ebda dubju li biex jissussisti dan ir-reat, irid jigi uzat xi mezz differenti ghal kollox mill-mezzi elenkati b' mod ezawrjenti fl-artikoli ta' qabel.*

*"Din il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni. Dan ghaliex il-fatti li qed jigu addebitati lill-appellat huma proprju dawk li ta nar lill-bini jew dar t' abitazzjoni w b' hekk ikkaguna danni fil-proprjeta' tal-genituri tieghu. Kjarament dan l-agir li jaqa' taht ir-reat tal-incendju doluz hu espressament*

*kopert b' xi wiehed mill-artikoli 316, 317 u 318 fuq imsemmija, skond ic-cirkostanzi li jirrizultaw. Igifieri l-legislatur haseb b' reat "ad hoc" taht id-diversi cirkostanzi kontemplati f' dawn it-tlitt artikoli ghall-agir addebitat lill-appellat u ghalhekk hawn ma jidholx lartikolu residwali kontemplat fl-artikolu 325.*

*"…. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-"mezzi xort' ohra" imsemmija fl-artikolu 325 ma jikkomprendux l-ghoti tan-nar lil bini w abitazzjoni, ghax dan hu mezz kopert b' artikoli ohra "ad hoc"."*

Dak enunċjat fis-sentenza fuq ċitata fir-rigward ta' bini jew dar ta' abitazzjoni japplika wkoll fil-konfront ta' vetturi, peress li l-istess Artikolu 318 jelenka wkoll vetturi. La darba għalhekk il-ħsara fuq il-vettura tal-parte civile ġrat per konsegwenza ta' ħruq doluz, allura l-fattispecie tal-kaz jaqa' taħt dak provdut fl-artikolu 318 u li dwaru din il-Qorti sejra issib ħtija. L-applikazzjoni tal-artikolu 325 hija għalhekk kompletament eskluza. Inoltre kif anke jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mohammed Ahmed Mohammed et*** deciza fis-26 ta' April 2021, ikkwotata mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, lanqas m'huwa il-kaz li japplika l-kuncett legali tal-kompriz u involut. Dan għaliex hawnhekk qegħdin nitkellmu minn reati li huma kommessi b'mezzi għal kollox differenti li l-leġislatur ried li jittratta b'mod separat. Per konsegwenza għalhekk din il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Il-Qorti rriflettiet fit-tul dwar il-piena u se tipprova tohloq bilanc fil-piena li se taghti.  L-ehfef triq ghal Qorti hi li timponi prigunerija u tieqaf hemm. Kazijiet bhal dawn li instab hati ghalihom l-imputat joholqu alarm fost il-komunita′ ghaliex ma tkunx taf min hi l-id mohbija li waslet ghal hruq tal-vettura tal-vittma.  Ghalhekk il-Qorti filwaqt li se timponi piena ta′ prigunerija se tara li din tkun wahda sospiza halli l-hati jkun jista′ jhallas lill-vittma tad-danni u anke l-istat jiehu xi haga lura permezz tal-konfiska tal-vettura li biha twettaq ir-reat.

Il-Qorti tifhem li jkun hemm certu kritika meta tinghata sentenza sospiza izda wiehed ma jistax jiggeneralizza ghax biex titwettaq gustizzja trid tara c-cirkostanzi kollha li jkunu zviluppaw u jinstema′ ukoll lehen il-vittma u s-socjeta′.

- **<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti:

(a) Mhux qegħda issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u għalhekk qegħda tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikolu 318 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u qegħda tikkundannah għall-piena ta' sentejn prigunerija, izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sentejn (2) prigunerija ghal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabbiltà tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 532A tal-Kap. 9 u b'applikazzjoni ta' dak li jistipula l-istess artikolu li jagħmel riferenza għall-artikolu 24 tal-Kap. 446

qegħda tikkundanna lill-imputat sabiex iħallas lill-parte civile Francesco Spiteri l-ammont totali ta' disat elef u ħames mitt ewro (€ 9,500)[13] rapprezentanti d-danni sofferti mill-istess Francesco Spiteri in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Din l-ordni li qed tingħata għandha titqies bħal li kieku kienet ordni mogħtija minn Qorti Civili kompetenti u għalhekk għandha jkollha effett ta' titolu ezekuttiv u tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħal li kieku din ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-vittma.

In oltre l-Qorti wara li rat wkoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex huwa jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont ta' tlett elef, erba' mija sebgha u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€3,487.80)[14] rapprezentanti l-ispejjez tal-esperti inkorsi f'dawn il-proceduri u fil-kors tal-atti tal-inkjesta dwar l-in genere relatata ma' dan il-kaz.

Fl-aħħar nett il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-marka Smart bin-numru XXX 006 li intuzat waqt il-kommissjoni ta' dan id-delitt

---

[13] Il-valur ta' € 9,000 jirraprezenta l-valur tal-vettura fil-mument li seħħ il-kaz filwaqt li l-ammont ta' ħames mitt ewro (€ 500) huma l-flus li kellu l-parte civile fil-vettura tiegħu fil-mument li din inħarqet.

[14] **Spejjez Peritali**

Mark Micallef - €273.40 (a fol. 266); PC 2156 Lara Garzia - €133.90 (a fol. 271); Dr. Daniel Vella - €528.17 (a fol. 302); Dr. Martin Bajada - €2,552.33 (a fol. 313).

u li tinsab esebita bħala Dokument MX 1. Dan għaliex irrizulta li minkejja li l-vettura hija reġistrata fuq isem Charlene Mifsud mart l-imputat, irrizulta li din il-vettura kienet tintuza kwazi esklussivament mill-imputat.

Fl-aħħar nett il-Qorti mhix se tapplika l-artikolu 383 u l-artikolu 412C tal-Kap. 9 stante li ma tqisx li fic-cirkostanzi hemm lok li jiġu applikati xi wieħed minn dawn l-artikoli.

**Dr Joseph Mifsud**
**Maġistrat**

**Ylenia Spiteri**
**Deputat Registratur**